**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 18 ta' Ottubru 2017**

**App. Nru. 96/13 DS**
**App. Nru. 107/13 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Francis Mamo**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi Francis Mamo, detentur tal-karta ta' l-identita` Maltija numru 596553(M) talli:

a) nhar is-16 ta' April 2008, għall-ħin ta' bejn 1.00pm u 1.30pm ġewwa basement ta' garaxxijiet bi drive in bla numru jew isem li jinsab fi Triq Dawret in-Niżla ta' San Pawl Ħaż-Zebbug Malta, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna l-mewt ta' Gabriel Agiusi;

b) fl-istess data, xhur u snin ta' qabel u fl-istess lok ħalla wara li ġie mwissi mill-pulizija bini fi stat ta' perikolu għan-nies jew għall-ħwejjeġ ħaddieħor;

c) fl-istess data, xhur u snin ta' qabel fi Triq Dawret in-Niżla ta' San Pawl Zebbug Malta għamel ħaġa fi triq (taraġ) li jista' jġib xkiel jew perikolu jew inkomdu għall-pubbliku skond kif iċċertifika il-perit tad-distrett Lawrence Buttigieg;

d) fl-istess data xhur u snin ta' qabel ħalla wara li ġie imwissi mill-Pulizija bini ieħor (l-istess taraġ) fi stat ta' perikolu għan-nies jew għall-ħwejjeġ ħaddieħor;

e) b'diversi atti magħmula minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, li m'obdiex ordnijiet leġittimi ta' l-awtorita` jew ta' wieħed inkarigat minn servizz pubbliku u cioe` talli ħalla wara li gie imwissi mill-Pulizija bini fi stat ta' perikolu għan-nies jew għal hwejjeġ ħaddieħor;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-14 ta' Frar 2013 li permezz tagħha dik il-Qorti ddikjarat it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet preskritti, u, wara li rat l-artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Francis Mamo ħati ta' l-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu tletin (30) xahar priġunerija. Inoltre b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 ikkundannatu biex iħallas lir-Reġistratur ta' dik il-Qorti s-somma ta' ħames mija sitta u tletin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€536.87) rappreżentanti spejjeż konnesi mal-ħatra ta'esperti;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Francis Mamo ppreżentat fil-25 ta' Frar 2013 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn iddikjarat it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet preskritti, tirrevokaha in kwantu sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tilliberah minflok minn kull imputazzjoni u ħtija, u f'kull każ tvarjaha billi tirriduċi l-piena nflitta;

**4.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali ppreżentat fl-4 ta' Marzu 2013 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lil Francis Mamo ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tiegħu; tikkonfermaha f'dik il-parti fejn b'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 ikkundanntu sabiex iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' ħames mija sitta u tletin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€536.87) rappreżentanti spejjeż konnessi9 mal-ħatra ta' esperti; u tħassarha, tirrevokaha u tannullaha f'dik il-parti fejn iddikjarat it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet mhux preskritti u konsegwentement issib lill-imsemmi Francis Mamo ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrieh u timponi piena skond il-liġi;

**5.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**6.** Din il-Qorti sejra fl-ewwel lok tikkunsidra l-appell ta' l-Avukat Ġenerali li permezz tiegħu jsostni li l-imputazzjonijiet (b), (c), (d) u (e) mhumiex preskritti.

**7.** Issa, l-artikolu 25 tal-Kap. 10 kien[1] jipprovdi:

> **"Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, ħadd ma jkun jista', mingħajr il-liċenzja tal-Kunsill Lokali relattiv, jibni jew jagħmel ebda ħaġa fit-toroq li tista' ġġib xkiel jew periklu jew inkomdu lill-pubbliku, inkella jħalli, wara li jiġi mwissi mill-Pulizija jew minn gwardjan lokali, bini jew opri oħra fi stat ta' tiġrif jew ta' periklu għan-nies jew għal ħwejjeġ ħaddieħor."**

**8.** Huwa evidenti li r-reat kontemplat fl-imsemmi artikolu għandu jitqies bħala reat permanenti, cioe`, kif jgħid il-Professur Sir Anthony Mamo[2]:

> "(a) A wrongful conduct (that is, act or omission) protracted uninterruptedly and without any change in its constituent elements for a length of time; and
>
> "(b) A state of things contrary to law or the violation of a right or duty likewise continuing without interruption and uniformly, co-extensively with the continuance of such wrongful conduct."

**9.** Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Avukat Dottor Albert Ganado**, 18 ta' Mejju 1963 (Vol. XLVII.iv.1231) fejn l-appellant kien ġie akkużat li bħala amministratur ta' proprjeta` li tagħti għat-triq Nazarene Street, Sliema, ma obdiex l-ordni leġittimu tal-Pulizija billi ħalla l-istess triq fi stat ħażin ta' tiswija, wara li ġie avżat bil-miktub mill-Pulizija biex jieħu ħsieb sabiex dik it-triq titqiegħed fi stat tajjeb ta' tiswija, il-Qorti Kriminali presjeduta mill-Onor. Imħallef William Harding, qalet hekk:

> **"L-imputat qed isostni li l-unika imputazzjoni u l-vera waħda hi dik li huwa ma obdiex l-ordni tal-Pulizija.**
>
> **"Din id-deduzzjoni ġiet diġa` virtwalment inkontrata bid-deċiżjoni preliminari fuq imsemmija, fejn ingħad, fit-tarf tal-aħħar konsiderando, illi s-sentenza tal-imputazzjoni hi li t-triq tħalliet fi stat ħażin ta' tiswija – u verament meta jingħad fiċ-ċitazzjoni li l-imputat ma obdiex l-ordni tal-Pulizija billi ħalla t-triq fi stat ħażin ta' tiswija, ikun qed jingħad in linea prinċipali li hu ħalla t-triq f'dak l-istat u biss in linea korollari jkun qed jingħad li b'hekk iddiżobbedixxa l-ordni tal-Pulizija. Il-fatt saljenti hu dak**

[1] Dan l-artikolu ġie mħassar bl-Att XV tas-sena 2009.
[2] Lectures in Criminal Law, Vol. I p. 13.

**tat-triq – id-disubbidjenza hi merament konsegwenzjali famulativa u pedissekwa.**

**"....**

**"Ġie argomentat ukoll li jekk l-imputazzjoni hi dik li ġie diżobdut l-ordni leġittimu tal-Pulizija, allura r-reat hu istantaneu u hemm il-preskrizzjoni.**

**"Ġie diġa` rilevat *supra* li l-imputazzjoni ma hiiex verament dik ta' diżubbidjenza għall-ordni tal-Pulizija, u għalhekk jidher li din id-deduzzjoni, puntellata fuq dak il-pont, ma hemmx aktar lokha. L-imputazzjoni li t-triq tħalliet fi stat ħażin ta' tiswija ma hijjiex reat istantaneu, imma reat permanenti. Għaliex qiegħda tkompli *dietim* il-vjolazzjoni tal-liġi, bħala distinta mill-effetti tar-reat (Ara ġurisprudenza in materja, Sent. App. Krim. Pul. v. George Zammit 27 Mejju 1939, Imħ. sedenti – li fiha hemm ċitati d-deċiżjonijiet normativi in materja, li magħhom jistgħu jiġu llum miżjuda r-rimarki ulterjuri magħmula in materja mill-Imħallef sedenti in Pul. v. Wilkinson, 7 ta' April 1945 (Vol. XXXII.iv.872), dejjem bħala kriterji applikabbli għaċ-ċirkostanzi diversi tal-każijiet partikolari). La darba mela dan ir-reat ta' din il-kawża hu permanenti, għalhekk m'hemmx preskrizzjoni, għaliex, b'liġi (art. 686 Kod. Krim.) din tista' biss tibda meta tittermina l-vjolazzjoni li, f'dan il-każ, qiegħda tippermani *de die in diem*."**

**10.** Dak li ntqal fil-bran appena ċitat japplika *mutatis mutandis* għall-każ odjern.[3] Pero`, jekk l-appell ta' l-Avukat Ġenerali jiġix milqugħ *in toto* jiġi determinat wara li jiġi kkunsidrat l-appell ta' Francis Mamo.

**11.** L-aggravji ta' Francis Mamo (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-appellant Mamo") huma li huwa ma setax jinstab ħati tal-irnputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u mingħajr preġudizzju, il-piena erogata hi manifestament sproporzjonata u f'kull każ tmur oltre l-piena massima għaż-żmien li jinghad li sar l-att materjali tal-ommissjoni imputata lilu.

**12.** L-ewwelnett din il-Qorti tosserva li hija eżaminat il-kuntratti kollha esebiti sabiex tara jekk, bħal ma jgħid l-appellant, verament ma kellux x'jaqsam mal-komun. Frankament ma tistax tifhem kif l-appellant sostna dan. Mill-kuntratti ma jirriżultax illi hu (ossia l-kumpanija venditriċi li tagħha hu direttur) ittrasferiet sehem mill-partijiet komuni tal-indani fejn jinsabu l-garaxxijiet. Fid-deskrizzjoni f'kull kuntratt huwa ċar li t-trasferimenti li għamel kien tal-garaxxijiet individwali u mhux ukoll ta' sehem mill-partijiet komuni. Hekk, per eżempju, meta l-kuntratt jgħid li qiegħed jiġi trasferit garaxx "garage bla isem u bla numru markat bħala numru ħamsa (5) sitwat f'livell two (2) sovrapost u sottopost għal beni tal-kumpanija fi drive in komuni ma' garages oħra liema

[3] Ara wkoll Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Rita Hicklin**, 14 ta' Diċembru 2005.

drive in hija bla isem, eċċ."[4], dak li qiegħed jiġi trasferit huwa l-garaxx biss. Meta l-kuntratt jgħid li l-garaxx huwa "fi drive-in komuni ma' garages oħra", qiegħed sempliċement jiddeskrivi fejn jinsab il-garaxx u mhux li qiegħed jiġi trasferit sehem indiviż tad-drive-in. Dan joħroġ aktar u aktar f'dawk il-kuntratti li permezz tagħhom il-kompraturi xtraw kemm appartament kif ukoll garaxx fejn fil-każ ta' l-appartament hemm deskritt ukoll it-trasferiment tal-partjiiet komuni deskritti fil-kuntratt, filwaqt illi fil-każ tal-garaxx hemm imsemmi biss il-garaxx u mhux ukoll sehem indiviż mill-partijiet komuni.[5] Lanqas ma jista' jeżimi ruħu mir-responsabbilta` għax kien hemm xi garaxxijiet li nbiegħu ġebel u saqaf, peress illi anke f'dawk il-kuntratti il-bejgħ kien tal-garaxxijiet mingħajr sehem indiviż tal-partijiet komuni.[6]

**13.** L-appellant isostni illi l-perit u kuntrattur minnu nkarigati huma responsabbli. F'dar-rigward l-ewwel Qorti qalet:

> "Illi hija inutli s-sottomissjoni ta' l-imputat li huwa qabbad perit u kuntrattur biex jiehdu hsieb il-bini u li konsegwentement hu m'ghandux responsabbilta. Il-perit kien car li l-inkarigu tieghu kien li jippjanta l-binja, jiehu hsieb ta' l-applikazzjonijiet ghall-permessi, u li jissorvelja l-bini sa stadju ta' shell. X'inkarigu inghata l-kuntrattur mill-imputat mhux car ghaliex dan il-kuntrattur ma tressaqx bhala xhud u l-imputat qal biss li huwa qabbad kuntrattur minghajr ma specifika sa fejn kien jasal dan l-inkarigu.
>
> "Illi f'dan ir-rigward wiehed ma jistax jinsa li skond l-ahhar applikazzjoni li saret lill-MEPA, applikazzjoni li giet approvata, l-ilqugh madwar din il-fetha kellha ssir permezz ta' railing u ghalhekk ma kenitx tifforma parti mill-bini ta' l-istruttura (is-shell) imma finishing li zgur ma kienx jaqa' taht l-inkarigu tal-perit u x'aktarx lanqas taht l-inkarigu tal-kuntrattur."

**14.** Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak li qalet l-ewwel Qorti. Konsegwentement taqbel ukoll illi l-appellant kien imprudenti jew negliġenti meta, filwaqt illi beda jbiegħ il-garaxxijiet ġebel u saqaf (mhux kollha, peress illi kien hemm numru ta' garaxxijiet li beda jikrihom), naqas milli jieħu l-prekawzjonijiet neċessarji, bħala sid il-partijiet komuni, biex jassigura ruħu li ma kienx hemm perikli. Din is-sitwazzjoni pperdurat għal diversi snin. L-appellant ma jistax lanqas jeżimi ruħu mir-responsabbilta` billi jipprova jakkolla tali responsabbilta` fuq is-sidien tal-garaxxijiet għax kienu qegħdin jagħmlu użu mid-drive-in. Bħalma qalet l-ewwel Qorti, wara li rreferiet għall-ġurisprudenza tagħna:

> "Illi b'applikazzjoni ta' dawn il-principji ghall-kaz in ezami jwassal ghall-konkluzzjoni li l-imputat kien kemm imprudenti kif ukoll traskurat u negligenti

[4] Kuntratt Dok MM1 a fol. 40 *et seq.*
[5] Ara, per eżempju Dok BZ2 a fol. 127 *et seq.*
[6] Ara kuntratti esebiti mill-appellant quddiem din il-Qortia fol. 644 *et seq.*

> ghaliex l-istess imputat, ragel ta' tlieta u hamsin sena, zgur kellu dik l-esperjenza komuni li tghallem li f'kazijiet bhal dak in ezami kellu jiehu certu prekawzjonijiet. L-imputat, bhal kull persuna adulta normali ohra, seta' jipprevedi l-possibilita` jekk mhux probabbilta`, li fetha fl-art, minghajr edba lqugh madwarha, facilment seta' jaqa' xi hadd fiha. Minkejja dan, huwa naqas li jiehu l-prekawzjonijiet li kien jiehu *bonus paterfamilias* permezz ta' lqugh madwar dik il-fetha. Ghandu jinghad li din il-prekawzzjoni *bonus paterfamilias* kien johodha ghax dettata mill-buon sens minghajr il-bzonn ta' xi impozizzjoni permezz ta' regoli jew kundizzjonijiet f'permessi tal-bini.
>
> "Illi pero` kundizzjonijiet imposti fil-permess tal-bini kien hemm ukoll. Mill-provi prodotti jirrizulta li l-fetha minn fejn waqa' Gabriel Agius kellha tkun maghluqa, inizjalment b'cint baxx, u sussegwentement b'railing skond il-permess mahrug mill-awtorita` kompetenti: il-MEPA. Mill-provi prodotti jirrizulta ukoll li dan l-ilqugh qatt ma sar; l-imputat mhux biss injora dak li kien jiddetta l-buon sens imma anke naqas li josserva r-regolamenti kif stipulati fil-permess mahrug mill-awtorita` kompetenti."

**15.** L-appellant jissottometti wkoll illi, seħħ kif seħħ l-inċident, in-nuqqas ta' Vanessa Agius "kien il-kaġun immedjat u l-kawża prossima għall-inċident sfortunat". F'dar-rigward l-ewwel Qorti qalet:

> "Illi fil-verita` l-imputat qed imur pass oltre mill-argument tan-negligenza kontributorja; hu qed jissottometti li l-kawza prossima ta' l-incident ma kenitx l-agir tieghu imma n-negligenza ta' Vanessa Agius. Il-Qorti ma tikkondividix din it-tezi. Huwa fatt pruvat li fil-hin ta' l-incident Vanessa Agius ma kenitx qed izzommlu idejh lil binha pero` fil-fehma tal-Qorti Gabriel miet ghax waqa' gholi ta' sular, u waqa' gholi ta' sular ghax kien hemm fetha fis-saqaf u ghaliex l-imputat naqas li jaghmel ilqugh adegwat madwar din il-fetha."

**16.** Din il-Qorti, wara li eżaminat il-provi, tgħid li l-ewwel Qorti setgħet legalment u raġjonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, u konsegwentement, fid-dawl ta' dak kollu li ngħad, li l-appellant kellu jitqies ħati ta' l-ewwel mputazzjoni. Għaldaqstant, in vista ta' dak li ġie deċiż dwar l-appell ta' l-Avukat Ġenerali fis-sens li l-imputazzjonijiet (b), (c), (d) u (e) mhumiex preskritti, u wara li din il-Qorti eżaminat il-provi kollha, l-appellant se jiġi dikjarat ħati wkoll ta' dawn l-imputazzjonijiet.

**17.** Kwantu għall-piena li l-appellant iqis eċċessiva, din il-Qorti tosserva l-ewwelnett illi għal dik li hi responabbilta` l-ewwel Qorti stess qieset illi l-appellant m'għandux jitqies unikament responsabbli. L-appellant jgħid illi semmai għandhom iġorru responsabbilta` wkoll il-perit, il-kuntrattur u s-sidien l-oħra tal-kumpless. Għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri, tali responsabbiltajiet ma ġewx pruvati. Jibqgħu biss dubji.

**18.** Quddiem din il-Qorti xehdu Vanessa u Joseph Agius, il-ġenituri tal-minuri li miet fl-inċident in kwistjoni. Huma xehdu bla tlaqliq li lill-appellant jaħfrulu ta'

dak li ġara u li "ħabs ma hemmx għalfejn jeħel". Maħfra sinċiera bħal din ġejja minn min tilef il-wild tiegħu ma tistax tiġi injorata. Barra minn hekk m'hemm xejn x'juri li l-appellant huwa minaccja ghas-socjeta` u li jeħtieġ li jinżamm inkarċerat u barra miċ-ċirkolazzjoni. Biżżejjed jingħad illi mill-fedina penali ta' l-appellant jirriżulta, almenu *prima facie*, li fl-aħħar disa' snin huwa ma wettaq l-ebda ksur tal-liġijiet ta' pajjiżna.

**19.** Tirreferi għal dak li ntqal fis-sentenza ċitata mill-appellant fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Ludwig Micallef** mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-1 ta' Marzu 2012:

> **"F'kazijiet ta' omicidju involontarju l-Qrati taghna kienu dejjem lesti jikkundanaw l-azzjoni imma meta tigi sabiex tikkundanna l-persuna, dejjem raw ic-cirkostanzi partikolari ta' dak li jkun u kemm il-persuna kienet propensa lejn il-kriminalita` jew ma kinitx. F'dan il-kaz il-Qorti hija sodisfata illi l-appellant m'huwiex xi kriminal. Dan kien incident sfortunat illi halla konsegwenzi tragici izda biex issir gustizzja l-Qorti ma jidhrilhiex illi ghandha tmur ghal-estremi tal-Ligi u tapplika l-piena ta' prigunerija effettiva."**

**20.** Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, u partikolarment in vista tal-maħfra msemmija, din il-Qorti temmen li mhuwiex il-każ li jkun hemm sentenza ta' priġunerija effettiva.

**21.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tilqa' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali u b'hekk tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu ddikjarat l-azzjoni fir-rigward ta' l-imputazzjonijiet (b), (c), (d) u (e) preskritti u minflok, wara li rat l-artikolu 25 (kif allura viġenti) tal-Kap. 10 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara lill-imsemmi Francis Mamo ħati wkoll ta' l-imputazzjonijiet (b), (c), (d) u (e); tilqa' in parti l-appell ta' Francis Mamo billi tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu kkundannatu tletin xahar priġunerija u minflok tikkundannah sentejn priġunerija, liema sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk matul il-perijodu ta' erba' snin millum huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija. Din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem ċar ir-responsabbilta` tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija. Tattira l-attenzjoni tar-Reġistratur tal-Qorti għad-dmirijiet tiegħu skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9. Inoltre a tenur ta' l-artikolu 321 tal-Kap. 10 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-istess Francis Mamo, jekk għadu sallum m'għamlux, ineħħi l-perikli li dwarhom jirreferu l-imputazzjonijiet (b), (c), (d) u (e), u dan fi żmien tliet xhur millum taħt piena ta' erba' euro u sitta u sittin ċenteżmu (€4.66) għal kull ġurnata li l-kontravvenzjoni tkompli wara li jagħlaq iż-żmien imsemmi. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.